# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024.**

**Kawża Nru. 8**

**Rik. Nru. 75/2023 ISB**

**Digital Education Holdings Ltd (C 82123)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjetà **Digital Education Holdings Ltd (C 82123),** tat-23 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

*(i) Tordna illi s-soċjetà Digital Education Holdings Ltd (C 82123) tiġi xjolta u konsegwentement stralċjata minn din l-Onorabbli Qorti abbazi tal-Art. 214(1) (a) tal-Att;*

*(ii) Taħtar likwidatur sabiex jieħdu f'idejh l-istralċ tas-soċjetà rikorrenti skont il-liġi; u*

*(iii) Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

U dan wara li ppremettiet:

1. *Illi dan ir-rikors qed jiġi ppreżentat ai termini ta' Artikolu 218(1)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**") permezz ta' liema qiegħed jintalab ix-xoljiment u l-istralċ konsegwenzali bil-qorti tas-soċjetà rikorrenti skont l-Artikolu 214(1)(a) tal-Att, wara riżoluzzjoni straordinarja tal-istess soċjetà, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. DEH1.*

2. *Illi is-soċjetà rikorrenti hija soċjetà b'responsabbiltà limitata li ġiet imwaqqfa f'Malta fl-10 ta' Awwissu, 2017. Kopja tal-istatut u taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tar-rikorrenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. DEH2 u Dok. DEH3;*

3. *Illi s-soċjetà rikorrenti hija l-operatriċi ta' EDU, istituzzjoni Maltija ta' edukazzjoni ogħla li ġiet akkreditata fl-2018 mill-Awtorità ta' Malta għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (l-"**Awtorita'**") b' liċenzja numru 2018-010 ("**EDU**") (Dok. DEH4).*

4. *Illi EDU għandha diversi programmi akkreditati mill-Awtorita'. Lista tal-programmi akkreditati qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. DEH5.*

5. *Illi fost il-programmi akkreditati, EDU tipprovdi l-programmi Bachelor of Medicine (B. Med.) u Masters of Medicine (MMed) li flimkien huma programm edukattiv fil-mediċina umana in linja mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u Tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 Dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (il-"**PQD**") et.al., liema programm huwa intenzjonat li jwassal lill-istudenti biex jipprattikaw bħala tobba tal-mediċina kemm f'Malta kif ukoll fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.*

*6. Illi l-prattika tal-mediċina fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tirrikkjedi il-ħruġ taċ-ċertifikati elenkati fl-Anness V għall-PQD.*

*7. F'Settembru 2020, EDU ressqet talba formali lill-Kunsill Mediku ta' Malta (mwaqqaf ai fini tal-artikolu 9 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, Kap. 464 tal-Liġijiet ta' Malta) illi bih talbet illi id-degree fil-mediċina offrut minnha jiġi rikonoxxut professjonalment skont il-liġijiet Ewropej, permezz tal-ħruġ ta' ċertifikat ta' konformita' u ekwivalenza a favur tal-istudenti ta' EDU ai termini ta' Artikolu 23(6) tal-PQD.*

*8. Illi fir-rigward tal-paragrafu preċedenti, tajjeb jingħad illi l-Kunsill Mediku ta' Malta huwa indikat bħala l-Awtorita' Kompetenti fl-Anness V għall-PQD u illi r-rikonoxximent awtomatiku għal degree fil-mediċina huwa limitat biss għall-gradwati tal-mediċina tal-Universita' ta' Malta u għall-ebda entita' edukattiva oħra.*

*9. Illi wara diversi snin ta' kunsiderazzjoni tat-talba u korrispondenza bejn il-partijiet kollha konċernati, f'email mibgħuta lil EDU mill-Kunsill Mediku ta' Malta nhar il-25 ta' Lulju 2023, il-Kunsill Mediku ta' Malta tenna li ma huwiex fost il-funzjonijiet jew fid-diskrezzjoni tal-Kunsill illi tikkunsidra din it-talba. Din l-email tmur kontra l-ispirtu u l-kontenut ta' risposta permezz ta' ittra konġunta datata l-1 ta' Marzu 2023 mibgħuta lil EDU mill-Kunsill Mediku ta' Malta u l-Awtorita', fejn il-Kunsill kien afferma li t-talba ta' EDU tista' tiġi kkunsidrata ladarba jiġu pprovduti ċertu ċertifikati minn awtoritajiet Ġermaniżi (fejn jingħataw ċertu taħriġ l-istudenti ta' EDU).*

*10. L-email tal-25 ta' Lujlu, 2023, u l-iżviluppi tal-ġimgħat segwenti kellhom riperkussjonijiet finanzjarji gravi fuq EDU u, fl-aħħar mill-aħħar, fuq l-operatriċi – is-soċjetà rikorrenti – tant li l-azzjonijisti, li fis-snin li għaddew investew bi ħġarhom f'Malta, ma jarawx lok għal iktar investiment fis-soċjetà rikorrenti.*

*11. Id-direttur tas-soċjetà rikorrenti sejjaħ laqgħa straordinarja tal-azzjonijisti tar-rikorrenti permezz ta' konvokazzjoni datata 5 ta' Ottubru, 2023, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata Dok. DEH6.*

12. *Illi fil-laqgħa straordinarja tal-azzjonijisti tar-rikorrenti, ġie riżolt illi l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti ai termini tal-Art 214(1) a) tal-Att u li s-soċjetà rikorrenti għandha tippreżenta dan ir-rikors u titlob ix-xoljiment u l-konsegwenzjali stralċ tagħha ai termini tal-Art 218(1) (a) tal-Att.*

13. *Illi s-soċjeta rikorrenti tat l-avviż speċifikat fl-Art 265(1) lir-Registrar tal-Kumpanniji kif mitlub mill-Art 214(6) tal-Att, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata Dok. DEH7.*

14. *Illi l-ħtiigijiet tal-Art. 218(1) (a) ġew imharsa kollha u għalhekk huwa sottomess illi l-Qorti tista' tilqa' dan ir-rikors ai termini tal-Art 219(2) tal-Att.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok DEH1 sa Dok DEH7) (fol 4 sa fol 41).

Rat id-**digriet** tagħha tad-29 ta' Novembru 2023, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024 fid-9:30 a.m.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024, dehru l-Avukat Jonathan Fiorentino u l-Avukat Martina Bonnici għas-soċjetà rikorrenti u l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji, u rat li bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet il-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjetà rikorrenti *ai termini* tal-Artikoli **214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Illi mid-dokumenti ppreżentati jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti ġiet kostitwita bħala kumpanija ta' responsabilità limitata fl-10 ta' Awwissu 2017 bin-numru uffiċjali C 82123, bl-għan prinċipali li toffri servizzi edukattivi fir-rigward tal-professjoni medika.

Jirriżulta li wara li għamlet investiment sostanzjali, il-Kunsill Mediku ta' Malta rrifjuta, għar-raġunijiet indikati fil-korrispondenza, li jirrikonoxxi l-programmi edukattivi tagħha milli jwasslu lill-istudenti biex jipprattikaw bħala tobba f'Malta.

Jirriżulta li fl-20 ta' Ottubru 2023, (vide Dok DEH1) saret laqgħa straordinarja f'liema laqgħa ġie riżolt illi l-kumpanija tiġi xjolta u stralċjata permezz tal-Qorti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi **s-soċjetà rikorrenti** ppreżentat is-segwenti dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

- Kopja tar-Riżoluzzjoni Straordinarja tal-Membri tas-soċjetà rikorrenti, li tgħid hekk:

  *That the Company be dissolved and consequently be wound up by the court in terms of Article 214(1)(a) of the Companies Act, Chapter 386 of the Laws of Malta.*
  *That the sole director of the Company be and is hereby fully authorised to take any and all necessary action required of him under the Act, to give effect to any of these resolutions inter alia and sign and deliver the statutory Notice of Dissolution (Form B1) with the Registry of Companies within the statutory time-limit.*

- Kopja tal-Memorandum and Articles of Association tas-soċjetà rikorrenti Digital Education Holdings Limited.

- Kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tas-soċjetà rikorrenti Digital Education Holdings Limited.

- Dokument li juri r-rikonoxximent ta' EDU (l-Instituzzjoni Edukattiva operata mis-soċjetà rikorrenti) mill-MFHEA.

- Minuti tal-Laqgħa Straodinarja tas-soċjetà rikorrenti datata 20 ta' Ottubru 2023

- Form B(1) mibgħuta lir-Reġistratur tal-Kumpaniji.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-**Art. 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**

Id-dispożizzjoni tal-KAP 386 li abbażi tagħha hija msejsa din il-proċedura huwa l-Artiklu 214(1)(a), li jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti*

L-**Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid espressament hekk:

> *Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*
>
> *(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
>
> *(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
>
> *(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*
>
> *għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tallaqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*
>
> *Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-riżoluzzjoni straordinarja meħuda fl-20 ta' Ottubru 2023, tispjega b'mod ċar u inekwivoku d-deċiżjoni li l-kumpanija *de quo* tiġi xolta u stralċjata.

Wara li fliet id-dokumenti esebiti u r-rekwiżiti legali kollha, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-riżoluzzjoni straordinarja saret u saret għal raġunijiet leġittimi fiċ-ċirkostanzi partikolari li tinsab fihom il-kumpanija.

Oltre minn hekk, la darba r-riżoluzzjoni hija valida, u din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għaliex tiddubita minn dan, din il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni li tirrifjuta li takkorda t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għall-provvediment ta' stralċ.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq iċċitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti l-voti tal-liġi sabiex tkun tista' tgħaddi biex takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċirkostanzi li jirriżultalha l-Qorti, din il-Qorti qegħda:

1. **Tordna** illi s-soċjetà **Digital Education Holdings Limited (C82123)** tiġi xjolta b'effett immedjat u konsegwentement stralċjata a bażi tal-Artikoli 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dana b'effett mill-20 ta' Ottubru 2023 *ai termini* tal-Artikolu 223(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Konsegwentement, **tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjetà **Digital Education Holdings Limited (C82123)** lir-**Riċevitur Uffiċjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpanija *de quo, ai termini* tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti *ai termini* tal-Artiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jagħmel il-verifiki kollha neċessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpanija *de quo* u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpanija **Digital Education Holdings Limited (C82123)** jista' għandha, u dan *ai termini* tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpanija de quo.

e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta’ kwalsiasi assi li l-kumpanija jista’ għandha,

**3. Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

**4. Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jithallsu mis-soċjetà rikorrenti.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta’ din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpaniji.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**